31996D0482

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Lulju 1996

li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet ta' saħħa ta'l-annimali u ċertifikati veterinarji għall-importazzjoni ta' tjur u bajd ta' tfaqqis minbarra ta' għasafar li ma jtirux u l-bajd tagħhom minn pajjiżi terzi li jinkludu miżuri ta' saħħa li għandhom jiġu applikati wara l-importazzjoni

(Test b'rilevanza għaŻ-ŻEE)

(96/482/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE tal-15 ta' Ottubru 1990 dwar kondizzjonijiet ta' saħħa ta' bhejjem li jirregolaw negozju ġewwa l-Komunità, u importazzjonijiet minn, pajjiżi terzi, ta' tjur u bajd tat-tfaqqis ([1]), kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u b'mod partikolari l-Artikoli 23(1), 24 u 26 (2) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tippreskrivi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq bhejjem li jidħlu fil-Komunità u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE ([2]), kif l-aħħar emendati bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/233/KE ([3]) li tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi minn liema hija awtorizzata l-importazzjoni ta' tjur ħaj u bajd tat-tfaqqis fi prinċipju;

Billi pajjiżi jew partijiet minnhom li jidhru f'din il-lista taw garanziji biżżejjed biex jitqiesu bħala ħielsa minn influwenza ta' l-għasafar u mill-marda *Newcastle* skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/342/KEE ([4]) kif emendata bid-Deċiżjoni 94/438/KE ([5]);

Billi l-kondizzjonijiet ta' saħħa ġenerali u speċjali tal-bhejjem u ċ-ċertifikati veterinarji meħtieġa għall-importazzjoni ta' tjur jew bajd tat-tfaqqis għandhom jiġu preskritti; billi l-proċeduri ta' teħid ta' kampjuni u ta' ttestjar għandhom jiġu preskritti wkoll; billi dawn il-ħtiġiet kollha għandhom ikunu għallinqas ekwivalenti għal dawk preskritti bid-Direttiva 90/539/KEE u b'kull Deċiżjoni implimentattiva għal negozju ta' ġewwa l-Komunità;

Billi lista ta' pajjiżi terzi mogħtija d-dritt li jużaw iċ-ċertifikati preskritti f'din id-Deċiżjoni hija stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/483/KE ([6]);Billi barra minn hekk il-kondizzjonijiet, u għalhekk iċ-ċertifikati, jistgħu jkunu differenti għal kunsinni żgħar ta' tjur; filwaqt li l-kondizzjonijiet u ċ-ċertifikati għal kunsinni żgħar bħal dawn għandhom jiġu stabbiliti f'Deċiżjoni separata;

Billi għalhekk għandha tingħata każ tas-sitwazzjoni ġenerali ta' saħħa tal-pajjiżi terzi; filwaqt li ċerti pajjiżi terzi li jidhru fil-lista msemmija fuq għandhom ikunu awtorizzati biss għal importazzjonijiet ta' ċerti kategoriji ta' tjur u ta' bajd ta' tfaqqis;

Billi hemm bżonn, fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' għasafar li ma jtirux u bajd ta' tfaqqis tagħhom, u minħabba d-differenzi bijoloġiċi bejn dawk l-għasafar u l-ispeċi ta' tjur l-oħra, li jiġi pospost it-twaqqif ta' kondizzjonijiet ta' saħħa ta' bhejjem u ċertifikazzjoni veterinarja sakemm il-Kumitat Veterinarju Xjentifiku jkun ta opinjoni dwar ir-riskji involuti f' importazzjonijiet bħal dawn;

Billi, fir-rigward tal-kategorija ta' prodotti konċernati u tal-ħtiea li tkun evitata kull deterjorazzjoni ta' l-istat ta' saħħa fuq it-territorju tal-Komunità, hemm bżonn li jkun stabbilit perjodu ta' iżolament u osservazzjoni segwit b'eżamin kliniku;

Billi l-Kummissjoni tista' teżamina mill-ġdid din id-Deċiżjoni f'kull ħin jekk l-istat ta' saħħa ta' bhejjem tal-pajjiżi konċernati jinbidel;

([1]) ĠU L 303, tal-31.10.1990, p. 6.
([2]) ĠUNru L 268, ta' l-24.9.1991, p. 56.
([3]) ĠU L 156, tas-7.7.1995, p. 76.
([4]) ĠU L 137, tat-8.6.1993, p. 24.
([5]) ĠU L 181, tal-15.7.1994, p. 35.
([6]) Ara paġna 28 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Billi l-miżuri li għalihom hemm provdut f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni għandhom jgħoddu għal importazzjonijiet ta' tjur u ta' bajd ta' tfaqqis kif definiti fil-punti 1 u 2 ta' l-Artikolu 2 tad-Direttiva 90/539/KEE bl-eċċezzjoni ta' għasafar li ma jtirux u l-bajd ta' tfaqqis tagħhom.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni ma għandhomx jgħoddu għal importazzjonijiet ta' kunsinni singoli ta' inqas minn 20 unità ta' tjur jew ta' bajd ta' tfaqqis.

3. Għall-iskop ta' din id-Deċiżjoni d-definizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 93/342/KEE għandhom jgħoddu kif hemm bżonn.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet ta':

(a) tjur tat-trobbija u ta' produzzjoni, li jikkonformaw mal-ħtiġijiet preskritti fiċ-ċertifikat mudell dwar is-saħħa tal-bhejjem preskritt fl-Abbozz A fl-Anness I u li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom mniżżla f'kolonna A ta' l-Anness tad- Deċiżjoni 96/483/KE;

(b) bajd tat-tfaqqis, li jikkonforma mal-ħtiġijiet preskritti fiċ-ċertifikat mudell dwar is-saħħa tal-bhejjem preskritt fl-Abbozz B fl-Anness I u li jkun ġej minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom mniżżla fil-kolonna B ta' l-Anness għal Deċiżjoni 96/483/KE;

(ċ) flieles ta' ġurnata, li jikkonformaw mal-ħtiġijiet preskritti fiċ-ċertifikat mudell dwar is-saħħa tal-bhejjem preskritt fl-Abbozz Ċ fl-Anness I u li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom mniżżla f'kolonna Ċ ta' l-Anness għal Deċiżjoni 96/483/KE;

(d) tjur għall-qatla, u tjur sabiex jgħammru mill-ġdid il-provvisti ta' tjur, li jikkonformaw mal-ħtiġijiet preskritti fiċ-ċertifikat mudell dwar is-saħħa tal-bhejjem preskritti fl-Abbozz Ċ fl-Anness I u li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom elenkati fil-kolonna Ċ ta' l-Anness għal Deċiżjoni 96/483/KE

sakemm ikunu akkompanjati biċ-ċertifikat rilevanti, debitament mimli u ffirmat kif dovut.

2. Tjur tat-trobbija u ta' produzzjoni, bajd tat-tfaqqis u flieles ta' ġurnata għandhom jiġu mill-istess stabbiliment li jkun ġie approvat mill-awtorita kompetenti tal-pajjiż terz konċernat skond il-ħtiġijiet li jkunu għallinqas ekwivalenti għal dawk preskritti fl-Anness II tad-Direttiva 90/539/KEE, fejn l-approvazzjoni ta' dawk l-istabbilimenti ma tkunx ġiet sospiża jew irtirata.

Artikolu 3

1. Wara l-importazzjoni, tjur tat-trobbija jew tjur ta' produzzjoni jew flieles ta' ġurnata għandhom jinżammu fl-azjenda(i) ta' destinazzjoni jew għal perjodu ta' mill-inqas sitt ġimgħat mid-data ta' meta jaslu jew sad-data tal-qatla jekk jinqatlu qabel ma jkunu għaddew sitt ġimgħat.

Wara l-importazzjoni tagħhom bħala bajd għat-tfaqqis, it-tjur li jfaqqas minn dak il-bajd għandu jinżamm għal perjodu ta' mill-inqas tliet ġimgħat mid-data ta' tfaqqis fl-azjenda(i) li fiha (fihom) ikunu ntbagħtu wara li jkunu faqqsu.

2. Matul il-perjodi msemmija fil-paragrafu 1 u matul it-tfaqqis tal-bajd, it-tjur jew bajd importat u t-tjur imfaqqas minn dan il-bajd għandu jinżamm separat minn dawk mhux importati. Għalhekk, it-tjur għandhom jinżammu f'gallinari fejn ma jkun preżenti l-ebda tajr ieħor u l-bajd għandu jitfaqqas f'inkubaturi u f'imfaqes separati.

Bħala deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw tjur jew bajd importat sabiex jiġi miżjud ma' tjur jew bajd rispettivament li jkunu diġa preżenti fil-gallinar jew inkubatur/mafqas. F'dak il-każ, il-perjodi speċifikati fil-paragrafu 1 jibdew jgħoddu mill-introduzzjoni ta' l-aħħar għasfur jew bajda importata rispettivament.

It-tjur għandhom jgħaddu minn eżami kliniku minn veterinarju awtorizzat u fejn ikun hemm bżonn, għandhom jittieħdu kampjuni sabiex ikun ikkontrollat l-istat ta' saħħa tagħhom, għallinqas fl-aħħar tal-perjodi speċifikati fil-paragrafu 1.

Il-perjodi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jkunu estiżi jekk is-suspett ta' influwenza tal-għasafar jew mal-marda *Newcastle* ma jkunx jista' jkun eliminat.

Artikolu 4

Jekk it-tjur, il-bajd tat-tfaqqis u l-flieles ta' ġurnata u/jew il-grupp ta' oriġini għandhom jiddaħħlu għal testijiet skond il-ħtiġiet taċ-ċertifikati preskritti fl-Anness I, it-teħid ta' kampjuni għall-ittestjar u l-ittestjar innifsu għandhom isiru skond il-protokolli preskritti fl-Anness II.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mill-1 ta' Ottubru 1996.

Artikolu 6

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula f'Brussel, fit-12 ta' Lulju 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

MUDELL A

CERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TA' BHEJJEM

għal tajr tat-tkabbir jew produttiv minbarra ghasafar li ma jtirux maħsuba sabiex jiġu kkunsinnati

1. Fornitur (isem u indirizz sħiħ)	2. ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA Nru ORIĠINALI
	3.1. Pajjiż ta' oriġini: 3.2. Reġjun ta' oriġini (1):
4. Destinatarju (isem u indirizz sħiħ)	5. AWTORITÀ KOMPETENTI: 5.1. Ministeru: 5.2. Servizz:
7. Post tat-tagħbija:	6. AWTORITA KOMPETENTI (LIVELL LOKALI):
8. Mezz ta' trasport (2):	10. Indirizz ta' stabbiliment(i) ta' oriġini: 10.1. Tkabbir (3): 10.2. Trobbija (3):
9.1. Stat Membru ta' destinazzjoni: 9.2. Destinazzjoni finali: (isem u indirizz sħiħ):	
12. Speci ta' tajr:	11. Numru (numri) ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment(i) ta' origini: 11.1. Tkabbir (3): 11.2. Trobbija (3):
13. Kategorija: Linja pura/nanniet/omm/għewieta q li jbidu/ohrajn (3):	15. Kwantità: (f'numri u figuri) 15.1. Numru ta' għasafar: 15.2. Numru ta' krejts jew gaġeġ:
14. Dettalji ta' identifikazzjoni tal-kunsinna: (li jinkludu kwalunkwe numru tas-sigill)	
Noti: (a) Ghandu jiġi pprovdut ċertifikat separat għal kull kunsinna ta' tajr li jbid jew ta' produzzjoni fl-istess kategorija, ittrasportat fl-istess vagun tal-ferrovija, trakk, ajruplan jew bastiment u kkunsinnat lejn l-istess destinazzjoni. (b) L-oriġinal taċ-ċertifikat għandu jakkompanja l-kunsinna sakemm tasal fil-post ta' spezzjoni tal-fruntjiera.	(ċ) Għandu jiġi mimli fil-ġurnata tat-tagħbija u l-limiti ta' żmien kollha li hemm referenza għalihom jirreferu għal dik id-data. (d) Wara l-importazzjoni , it-tajr għandu jinżamm iżolat fis-sehem ta' destinazzjoni għal mill-inqas sitt gimghat bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3, 1 ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/482/KE.

(1) Li għandha tigi mimlija biss jekk l-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lejn il-Komunità tkun limitata għal ċertu reġjuni tal-pajjiż terz konċernat.

(2) Uri l-mezz ta' trasport u marki ta' reġistrazzjoni jew isem irreġistrat, skond kif ikun adattat.

(3) Ħassar ir-referenzi mhux meħtieġa.

16. Jiena, l-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan il-mezz niċċertifika li, bi qbil mad-disposizzjonijiet ta' Direttiva 90/539/KEE:

I. **Oriġini tat-tajr**

Li t-tajr baqa' fit-territorju ta' ..... (4), fir-reġjun ta' ..... (1) għal mill-inqas tliet xhur jew minn meta faqqas jekk ikun iżgħar minn tliet xhur. Jekk importat fil-pajjiż ta' origini gie importat bi qbil mal-kondizzjonijiet veterinarji li huma għallinqas stretti daqs il-ħtiġijiet rilevanti ta' Direttiva 90/539/KEE, li jinkludu kwalunkwe Deċiżjonijiet sussidjarji;

II. **Informazzjoni dwar is-saħħa**

1. li ..... (4), reġjun ..... (1) huwa ħieles mill-influwenza relatata ma' l-għasafar u mill-marda Newcastle kif definit f'Deċiżjoni 93/342/KEE;

2. li t-tajr deskritt f'dan iċ-ċertifikat jissodisfa l-ħtiġiet li ġejjin:

(a) ġie eżaminat f'din il-ġurnata u ma juri l-ebda sinjali kliniċi jew suspett ta' mard;

(b) inżamm minn meta faqqas jew għal aktar minn sitt ġimgħat fl-istabbiliment(i) segwenti approvati uffiċjalment bi qbil mal-ħtiġiet li huma għallinqas ekwivalenti għal dawk preskritti fl-Anness II tad-Direttiva 90/539/KEE: .... (5)

(i) li għalih l-approvazzjoni la tkun sospiża u lanqas irtirata;

(ii) li ma jkunx soġġett għal kwalunkwe restrizzjoni ta' saħħa tal-bhejjem;

(iii) li madwaru, ġewwa raġġ ta' 25 km, ma kien hemm l-ebda każ ta' influwenza tal-għasafar jew tal-marda Newcastle għal mill-inqas 30 ġurnata;

(ċ) li matul il-perjodu msemmi f'(b) ma kellu l-ebda kuntatt ma' tajr li ma jissodisfax il-kondizzjonijiet preskritti f'dan iċ-ċertifikat jew ma' għasafar selvaġġi;

(d) li joriġina minn qatgħa

(i) li ġiet eżaminata din il-ġurnata u ma turi l-ebda sinjali kliniċi jew suspett ta' mard;

(ii) li ġiet imdaħħla għal programm ta' sorveljanza ta' mard għal (6)
— *Salmonella putlorum, S. gallinarum u Mycoplasma gallisepticum* (tajr)
— Salmonella arizonae, S. pullorum u S. gallinarum, Mycoplasma meleagridis u M. gallisepticum (dundjani)
— Salmonella pullorum u S. gallinarum (farguni, summien, fagani, perniċi u papri)
skond il-Kapitolu II ta' l-Anness II ta' Direttiva 30/539/KEE u ma nstabx infettat jew li ma hemmx suspett ta' infezzjoni minn dawn l-aġenti;

(iii) — li ma kienx ġie mlaqqam kontra l-marda *Newcastle* (6)
— li kien ġie mlaqqam kontra l-marda *Newcastle* bl-użu ta': .... (isem, tip - ħajja jew inattivata - ta' u *NDV strain* użata f'vaċċinazzjoni(ijiet))
fl-eta ta' ..... ġimgħat;

iv) li ġie mlaqqam, bl-użu ta' vaċċinazzjonijiet approvati uffiċjalment

Fl-età ta'	Kontra

III. **Informazzjoni addizzjonali dwar is-saħħa**

1. li, fil-każ li l-kunsinna tkun destinata għal Stat Membru jew reġjun li minnu l-istatus ikun ġie stabbilit bi qbil ma' Artikolu 12, 2 ta' Direttiva 90/539/KEE (7),

(a) it-tajr ma kienx ġie mlaqqam kontra l-marda *Newcastle* u

(4) Isem u pajjiż ta' oriġini.

(5) Numru (numri) ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment(i) ta' oriġini.

(6) Ħassar ir-referenza mhux meħtieġa.

(7) Meta l-kunsinna ma tkunx destinata għal Stati Membri bħal dawn jew reġjuni (fil-preżent id-Danimarka, l-Irlanda, il-Finlandja, l-Isvizzera u, għar-Renju Unit, l-Irlanda ta' Fuq), il-garanziji mogħtija taħt il-punt III.1, għandhom jitħassru.

(b) ġew iżolati għal 14-il ġurnata qabel il-kunsinna, jew fis-sehem jew fi stazzjon ta' kwarantina taħt is-sorveljanza tal-veterinarju uffiċjali. F'dan ir-rigward, l-ebda tajr fis-sehem ta' oriġini jew fi stazzjon ta' kwarantina, kif applikabbli, ma jkunx sejjer ikun ikkunsinnjat ma għandu jkun daħal fis-sehem jew kwarantina matul dak iż-żmien, barra minn hekk ma għandhom jingħataw l-ebda tilqim fl-istazzjon ta' kwarantina, u

(ċ) għaddew minn, matul l-14-il ġurnata ta' qabel il-kunsinna, eżami seroloġiku fuq il-preżenza ta' antikorpi tal-marda *Newcastle* b'riżultat negattiv.

2. Ii jiġu sodisfatti l-ħtiġiet supplimentari segwenti, imposti mill-Istat Membru ta' destinazzjoni skond Artikoli 13 u/jew 14 ta' Direttiva 90/539/KEE: .....
.....
.....

3. Ii, jekk l-Istat Membru ta' destinazzjoni jkun jew il-Finlandja jew l-Isvezja, it-tajr ta' tkabbir ikun ġie ttestjat b'riżultati negattivi skond ir-regoli preskritti f'Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/160/KE ([8]).

4. Ii jekk l-Istat Membru ta' destinazzjoni jkun jew il-Finlandja jew l-Isvezja, it-tiġieġ tal-bajd (tajr produttiv imrobbi bil-għan li jipproduċi l-bajd għall-konsum) ġew ittestjati b'riżultati negattivi skond ir-regoli preskritti f'Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/161/KE ([8]).

IV. **Informazzjoni supplimentari dwar is-saħħa** ([9])

Ii, għalkemm l-użu ta' vaċċini kontra l-marda *Newcastle* li ma jissodisfawx il-ħtiġiet speċifiċi ta' l-Anness B, 2 tad-Deċiżjoni 93/342/KEE, ma huwiex projbit f' ..... ([4]), it-tajr

(a) ma kienx gie mlaqqam għal mill-inqas 12-il xahar b'vaċċinazzjonijiet bħal dawn; u

(b) joriġina minn qatgħa li għaddiet mhux qabel 14-il ġurnata qabel il-kunsinna fuq il-bażi ta' teħid ta' kampjuni każwali ta' *swab* kloakali ta' mill-inqas 60 għasfur ta' kull qatgħa konċernata, test ta' iżolament ta' virus għall-marda *Newcastle*, imwettaq f'laboratorju uffiċjali, li fih ma jkun jinstab l-ebda paramyxovirus relatat ma' l-għasafar b'Indiċi Patoġenetiku Intraċerebrali (I.P.I.C.) ta' aktar minn 0,4; u

(ċ) ma kienx f'kuntatt matul is-60 ġurnata ta' qabel il-kunsinna ma' tajr li ma jissodisfax il-garanziji msemmija taħt (a) u (b) rispettivament; u

(d) kien iżolat taħt sorveljanza uffiċjali fis-sehem ta' oriġini matul il-perjodu ta' 14-il ġurnata msemmi f'(b).

V. **Informazzjoni dwar it-trasport**

Li t-tajr jinġarr fi krejts jew gaġeġ:

(a) li fihom biss tajr ta' l-istess speċi, kategorija, tip, li jkun gej mill-istess stabbiliment;

(b) li juru n-numru ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment ta' oriġini;

(ċ) li jkunu magħluqin bi qbil ma' l-istruzzjonijiet ta' l-awtorita kompetenti b'tali mod li tkun evitata kwalunkwe possibilità ta' sostituzzjoni tal-kontenut;

(d) li jkunu mfassla, kif ukoll il-veikoli li fihom jiġu ttrasportati, sabiex:

(i) ma jħallux it-telf ta' eskreta u jnaqqsu kemm jista' jkun it-telf ta' rix matul it-trasport;

(ii) jippermettu spezzjoni viżwali tat-tajr;

(iii) jippermettu li jsir tindif u diżinfettar;

(e) li kienu gew, kif ukoll il-veikoli li fihom jiġu ttrasportati, imnaddfa u diżinfettati qabel it-tagħbija bi qbil ma' l-istruzzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti.

17. Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal ħamest ijiem.

Magħmul fi ....., nhar .....

Siġill ([10])

.....
(firma tal-veterinarju uffiċjali) ([10])

.....
(isem b'ittri kapitali, kwalifiki u titolu)

([8]) Ħassar jekk mhux applikabbli.

([9]) Din il-garanzija għandha tingħata biss għal tajr li joriġina minn pajjiżi jew partijiet minnhom fejn jgħoddu id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 4 (4) ta' Deċiżjoni 93/342/KEE. Għal tajr li joriġina minn pajjiżi oħra, dan il-kapitolu għandu jiġi mħassar.

([10]) Timbru u firma b'kulur differenti għal dak ta' l-istampar.

MUDELL B.

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TA' BHEJJEM

għal bajd għat-tfaqqis ta' minbarra għasafar li ma jtirux maħsuba sabiex jiġu kkunsinnjati lill-Komunità Ewropea

1. Fornitur (isem u indirizz sħiħ)	2. **ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA** Nru: ORIĠINALI
	3.1 Pajjiż ta' oriġini: 3.2 Reġjun ta' oriġini (1):
4. Destinatarju (isem u indirizz sħiħ)	5. AWTORITÀ KOMPETENTI: 5.1. Ministeru: 5.2. Servizz:
7. Post tat-tagħbija:	6. AWTORITÀ KOMPETENTI (LIVELL LOKALI):
8. Mezz ta' trasport (2):	10. Indirizz ta' stabbiliment(i) ta' oriġini:
9.1. Stat Membru ta' destinazzjoni: 9.2. Destinazzjoni finali:(isem u indirizz sħiħ):	
12. Speċi ta' tajr:	11. Numru (numri) ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment(i) ta' oriġini:
13. Kategorija: Linja pura/nanniet/omm/għewieteq li jbidu/oħrajn (3):	15. Kwantità: (f'numri u figuri) 15.1. Numru ta' għasafar: 15.2. Numru ta' krejts jew gaġeġ:
14.1. Dettalji ta' identifikazzjoni tal-kunsinna: (li jinkludu kwalunkwe numru tas-sigill): 14.2. :	
Noti: (a) Għandu jiġi pprovdut ċertifikat separat għal kull kunsinna ta' tajr li jbid jew ta' produzzjoni fl-istess kategorija, ittrasportat fl-istess vagun tal-ferrovija, trakk, ajruplan jew bastiment u kkunsinnjat lejn l-istess destinazzjoni. (b) L-oriġinal taċ-ċertifikat għandu jakkompanja l-kunsinna sakemm tasal fil-post ta' spezzjoni tal-fruntjiera.	(ċ) Għandu jigi mimli fil-ġurnata tat-tagħbija u l-limiti ta' żmien kollha li hemm referenza għalihom jirreferu għal dik id-data. (d) Wara l-importazzjoni , it-tajr għandu jinżamm iżolat fis-sehem ta' destinazzjoni għal mill-inqas sitt gimgħat bi qbil mad-disposizzjonijiet ta' Artikolu 3, 1 ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/482/KE.

(1) Li għandha tiġi mimlija biss jekk l-awtorizzazzjoni għal esportazzjoni lejn il-Komunità tkun limitata għal ċertu reġjuni tal-pajjiż terz konċernat.

(2) Uri l-mezz ta' trasport u marki ta' reġistrazzjoni jew isem irreġistrat, skond kif ikun adattat.

(3) Ħassar ir-referenzi mhux meħtieġa.

16. Jiena, l-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika li, bi qbil mad-disposizzjonijiet tad-Direttiva 90/539/KEE:

I. **Oriġini tal-bajd tat-tfaqqis**

Li l-bajd tat-tfaqqis ġej minn qatgħa li baqgħet fit-territorju ta' ..... (4), fir-reġjun ta' ..... (1) għal mill-inqas tliet xhur. Jekk dawn il-qatgħat kienu gew importati fil-pajjiż ta' oriġini, kienu ġew importati bi qbil mal-kondizzjonijiet veterinarji li huma għallinqas stretti daqs il-ħtiġiet relevanti ta' Direttiva 90/539/KEE, li tinkludi kull Deċiżjoni sussidjarja.

II. **Informazzjoni dwar is-saħħa**

1. li ..... (4), reġjun ..... (1) huwa ħieles mill-influwenza tal-għasafar u mill-marda *Newcastle* kif definit f'Deċiżjoni 93/342/KEE;

2. li l-bajd tat-tfaqqis deskritt f'dan iċ-ċertifikat jissodisfa l-ħtiġiet segwenti:

(a) ġej minn qatgħat li:

(i) ġew eżaminati f'din il-ġurnata u li ma juru l-ebda sinjali kliniċi jew suspett ta' mard;

(ii) ġew miżmuma għal aktar minn sitt ġimgħat fl-istabbiliment(i) segwenti approvati uffiċjalment bi qbil mal-ħtiġiet li huma għallinqas ekwivalenti għal dawk preskritti fl-Anness II għad-Direttiva 90/539/KEE: .... (5)
— li għalih l-approvazzjoni la tkun sospiża u lanqas irtirata;
— li, fil-ħin tal-kunsinna, ma jkunx soġġett għal kwalunkwe restrizzjoni ta' saħħa tal-bhejjem;
— li madwaru, ġewwa raġġ ta' 25 km, ma kien hemm l-ebda każ ta' influwenza relatata ma' l-għasafar jew tal-marda *Newcastle* għal mill-inqas 30 gurnata;

(iii) li matul il-perjodu msemmi f'(ii) ma kellu l-ebda kuntatt ma' tajr li ma jissodisfax il-kondizzjonijiet preskritti f'dan iċ-ċertifikat jew ma' għasafar selvaġġi;

(iv) li gie mdaħħal għal programm ta' sorveljanza ta' mard għal (6):
— *Salmonella pullorum, S. gallinarum u Mycoplasma gallisepticum* (tajr)
— *Salmonella arizonae, S. pullorum u S. gallinarum, Mycoplasma meleagridis u M. gallisepticum* (dundjani)
— *Salmonella pullorum u S. gallinarum* (farghuni, summien, fagani, pernici u papri)
skond il-Kapitolu II ta' l-Anness II ta' Direttiva 90/539/KEE u ma nstabx infettat jew li ma hemmx suspett ta' infezzjoni minn dawn l-aġenti;

(v) — li ma kienx ġie mlaqqam kontra l-marda *Newcastle* (6)
— li kien ġie mlaqqam kontra l-marda *Newcastle* bl-użu ta': .....
(isem, tip - ħajja jew inattivata - ta' u *NDV strain* użata f'vaċċinazzjoni(ijiet))
fl-età ta' ..... ġimgħat (6);

(vi) li ġie mlaqqam, bl-użu ta' vaċċinazzjonijiet approvati uffiċjalment

Fl-età ta'	Kontra

(b) ġie mmarkat kif muri f'punt 14.2 taċ-ċertifikat bl-użu ta' .... (inka tal-kulur)

(ċ) ġie diżinfettat bi qbil ma' l-istruzzjonijiet tiegħi, bl-użu ta' .... (isem tal-prodott u tas-sustanza attiva) għal ..... (ħin f'minuti);

3. li l-bajd ġie miġbur minn ..... sa ..... (dati)

III. **Informazzjoni addizzjonali dwar is-saħħa**

1. Ii, fil-każ li l-kunsinna tkun destinata għal Stat Membru jew reġjun li minnu l-istatus ikun ġie stabbilit bi qbil ma' l-Artikolu 12, 2 ta' Direttiva 90/539/KEE, il-bajd tat-tfaqqis ġej minn qatgħat li huma (7):

(a) mhux imlaqqmin kontra l-marda Newcastle (6),

(4) Isem u pajjiż ta' oriġini.

(5) Numru (numri) ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment(i) ta' oriġini.

(6) Ħassar ir-referenza mhux meħtieġa.

(7) Meta l-kunsinna ma tkunx destinata għal Stati Membri bħal dawn jew reġjuni (fil-preżent id-Danimarka, l-Irlanda, il-Finlandja, l-Isvizzera u, għar-Renju Unit, l-Irlanda ta' Fuq), il-garanziji mogħtija taħt punt III.1, għandhom jiġu mħassra.

(b) imlaqqmin kontra din il-marda bl-użu ta' vaċċin inattivat ([6]),

(ċ) imlaqqmin kontra din il-marda bl-użu ta' vaċċin ħaj l-aktar tard fi żmien 60 ġurnata qabel id-data msemmija taħt punt II. 3 fuq ([6]);

2. Ii jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet supplimentari segwenti, imposti mill-Istat Membru ta' destinazzjoni skond Artikoli 13 u/jew 14 ta' Direttiva 90/539/KEE: .....
.....

IV. **Informazzjoni addizzjonali dwar is-saħħa** ([8])

Ii, għalkemm l-użu ta' vaċċini kontra l-marda Newcastle li ma jissodisfawx il-ħtiġijiet speċifiċi ta' Anness B, 2 ta' Deċiżjoni 93/342/KEE, ma huwiex projbit f' ..... ([4]), it-tajr ta' tkabbir minn fejn ġie miksub il-bajd tat-tfaqqis

(a) ma kienx ġie mlaqqam għal mill-inqas 12-il xahar b'vaċċinazzjonijiet bħal dawn; u

(b) joriġina minn qatgħa li għaddiet mhux qabel 14-il ġurnata qabel il-kunsinna fuq il-bażi ta' teħid ta' kampjuni bl-għażla bbażata fuq inzertaturi ta' imselħiet kloakali ta' mill-inqas 60 għasfur ta' kull qatgħa konċernata, test ta' iżolament ta' virus għall-marda Newcastle, imwettaq f'laboratorju uffiċjali, li fih ma jkun jinstab l-ebda paramyxovirus relatat ma' l-għasafar b'Indiċi Patoġenetiku Intraċerebrali (I.P.I.C.) ta' aktar minn 0,4; u

(ċ) ma kienx f'kuntatt matul is-60 ġurnata ta' qabel il-kunsinna ma' tajr li ma jissodisfax il-garanziji msemmija taħt (a) u (b) rispettivament, u

(d) kien iżolat taħt sorveljanza uffiċjali fis-sehem ta' oriġini matul il-perjodu ta' 14-il ġurnata msemmi f' (b),

V. **Informazzjoni dwar it-trasport**

1. Ii għall-ewwel darba l-bajd ta' tfaqqis jinġarr f'kaxex li jintremew wara l-użu:

(a) Ii jkun fihom biss bajd tat-tfaqqis ta' l-istess speċi, kategorija, u tip, li jkun ġej mill-istess stabbiliment;

(b) Ii juru l-indikazzjonijiet segwenti:
— l-isem u l-pajjiż tal-kunsinna,
— l-ispeċi ta' tajr konċernat,
— in-numru ta' bajd,
— il-kategorija u tip ta' produzzjoni li għalihom ikunu maħsuba,
— l-isem u l-indirizz u n-numru ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment ta' oriġini,
— ,
— l-Istat Membru ta' destinazzjoni;

(ċ) Ii jkunu magħluqin bi qbil ma' l-istruzzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti b'tali mod li tkun evitata kwalunkwe possibilità ta' sostituzzjoni tal-kontenut.

2. Ii r-reċipjenti u vetturi li fihom il-kaxxi msemmija f'1 kienu gew imnaddfa u diżinfettati qabel it-tagħbija bi qbil ma' l-istruzzjonijiet ta' l-awtoritajiet kompetenti.

17. Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal ħamest ijiem.

Magħmul fi ..... nhar .....

Siġill ([9])

.....
(firma tal-veterinarju uffiċjali) ([9])

.....
(isem b'ittri kapitali, kwalifiki u titolu)

([8]) Din il-garanzija għandha tingħata biss għal tajr li joriġina minn pajjiżi jew partijiet minnhom fejn jgħoddu d-disposizzjonijiet ta' Artikolu 4 (4) ta' Deċiżjoni 93/342/KEE. Għal tajr li joriġina minn pajjiżi oħra, dan il-kapitolu għandu jiġi mħassar.

([9]) Timbru u firma b'kulur differenti għal dak ta' l-istampar.

MUDELL Ċ

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TA' BHEJJEM

għal flieles ta' ġurnata minbarra għasafar li ma jtirux maħsuba sabiex jiġu kkunsinnati lill-Komunità Ewropea

1. Fornitur (isem u indirizz sħiħ):	2. **ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA** Nru ORIĠINALI
	3.1 Pajjiż ta' oriġini: 3.2 Reġjun ta' oriġini (1):
4. Destinatarju (isem u indirizz sħiħ):	5. AWTORITÀ KOMPETENTI: 5.1. Ministeru: 5.2. Servizz:
7. Post tat-tagħbija:	6. AWTORITÀ KOMPETENTI (LIVELL LOKALI):
8. Mezz ta' trasport (2):	10. Indirizz ta' stabbiliment(i) ta' oriġini: (imfaqqas)
9.1. Stat Membru ta' destinazzjoni: 9.2. Destinazzjoni finali: (isem u indirizz sħiħ)	
12. Speċi ta' tajr:	11. Numru (numri) ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment(i) ta' oriġini: (imfaqqas)
13. Kategorija: Linja pura/nanniet/omm/qatgħa li tbid/kapuċċelli/oħrajn (3):	15. Kwantità: (f'numri u figuri) 15.1. Numru ta' għasafar: 15.2. Numru ta' kaxxi:
14. Dettalji ta' identifikazzjoni tal-kunsinna: (li jinkludu kwalunkwe numru tas-siġill)	
Noti: (a) Għandu jiġi pprovdut ċertifikat separat għal kull kunsinna ta' flieles ta' ġurnata ttrasportati fl-istess vagun tal-ferrovija, lori, ajruplan jew bastiment u kkunsinnjat lejn l-istess destinazzjoni. (b) L-oriġinal taċ-ċertifikat għandu jakkompanja l-kunsinna sakemm tasal fil-post ta' spezzjoni tal-fruntjiera.	(ċ) Għandu jiġi mimli fil-ġurnata tat-tagħbija u l-limiti ta' żmien kollha li hemm referenza għalihom jirreferu għal dik id-data. (d) Wara importazzjoni, it-tajr għandu jinżamm iżolat fis-sehem ta' destinazzjoni għal mill-inqas tliet gimgħat bi qbil mad-disposizzjonijiet ta' Artikolu 3, 1 ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/482/KE.

(1) Li għandha tiġi mimlija biss jekk l-awtorizzazzjoni għal esportazzjoni lejn il-Komunità tkun limitata għal ċertu reġjuni tal-pajjiż terz konċernat.

(2) Uri l-mezz ta' trasport u marki ta' reġistrazzjoni jew isem irreġistrat, skond kif ikun adattat.

(3) Ħassar ir-referenzi mhux meħtieġa.

16. Jiena, l-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan il-mezz niċċertifika li, bi qbil mad-disposizzjonijiet ta' Direttiva 90/539/KEE:

I. **Oriġini ta' flieles ta' ġurnata**

Li l-flieles ta' ġurnata ġew imfaqqsa fit-territorju ta' ..... (4), fir-reġjun ta' ..... (1). Jekk il-qatgħat li minnhom ġie l-bajd ta' tfaqqis, kienu ġew importati fil-pajjiż ta' oriġini, kienu ġew importati bi qbil mal-kondizzjonijiet veterinarji li huma għallinqas stretti daqs il-ħtiġiet relevanti ta' Direttiva 90/539/KEE, li tinkludi kwalunkwe Deċiżjoni sussidjarja.

II. **Informazzjoni dwar is-saħħa**

1. Li ..... (4), reġjun ..... (1) huwa ħieles mill-influwenza relatata ma' l-għasafar u mill-marda Newcastle kif definit fid-Deċiżjoni 93/342/KEE;

2. Li l-flieles ta' ġurnata deskritti f'dan iċ-ċertifikat jissodisfaw il-ħtiġiet segwenti :

(a) ġew eżaminati f'din il-ġurnata u ma juru l-ebda sinjali kliniċi jew suspett ta' mard;

(b) ġew imfaqqsa fl-istabbiliment(i) segwenti approvati uffiċjalment bi qbil mal-ħtiġiet li huma għallinqas ekwivalenti għal dawk preskritti fl-Anness II tad-Direttiva 90/539/KEE: ..... (5).
— li għalihom l-approvazzjoni la tkun sospiża u lanqas irtirata,
— li fil-ħin tal-kunsinna, ma jkunux soġġetti għal kwalunkwe restrizzjoni ta' saħħa tal-bhejjem,
— li madwaru, ġewwa raġġ ta' 25 km, ma kien hemm l-ebda każ ta' influwenza relatata mal-għasafar jew tal-marda Newcastle għal mill-inqas 30 ġurnata;

(ċ) li matul il-perjodu msemmi f'(b) ma kellhom l-ebda kuntatt ma' tajr li ma jissodisfax il-kondizzjonijiet preskritti f'dan iċ-ċertifikat jew ma' għasafar selvaġġi;

(d) li huma mfaqqsa minn bajd li joriġina minn qatgħat

(i) li kienu ġew miżmuma għal aktar minn sitt gimgħat fi stabbilimenti approvati uffiċjalment li għalihom, fil- ħin tal-kunsinna la kienet ġiet sospiża u lanqas kienet ġiet irtirata;

(ii) li ma jinsabux f'reġjuni li ma humiex ħielsa mill-influwenza relatata mal-għasafar jew mill-marda Newcastle;

(iii) li f'din il-ġurnata ma juru l-ebda sinjali kliniċi jew suspett ta' mard;

(iv) li ġew imdaħħla għal programm ta' sorveljanza ta' mard għal (6):
— *Salmonella pullorum, S. gallinarum u Mycoplasma gallisepticum* (tajr)
— *Salmonella arizonae, S. pullorum u S. gallinarum, Mycoplasma meleagridis u M. gallisepticum* (dundjani)
— *Salmonella pullorum u S. gallinarum (farguni, summien, fagani, perniċi u papri)*
skond il-Kapitolu II ta' l-Anness II tad-Direttiva 90/539/KEE u ma nstabx infettat jew li ma hemmx suspett ta' infezzjoni minn dawn l-agenti;

(v) — li ma kienux ġew imlaqqma kontra l-marda Newcastle (6)
— li kienu ġew imlaqqma kontra l-marda *Newcastle* bl-użu ta': .....
.....
.....
(isem, tip - ħajja jew inattivata - ta' u NDV *strain* użata f'vaċċinazzjoni(ijiet))
fl-età ta' ..... ġimgħat (6)

(vi) li kienu ġew imlaqqma, bl-użu ta' vaċċinazzjonijiet approvati uffiċjalment

Fl-età ta'	Kontra

(e) kienu ġew imfaqqsa minn bajd li:

(i) kien ġie mmarkat qabel il-kunsinna lejn il-mafqas bi qbil ma' l-istruzzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti;

(ii) kien ġie diżinfettat bi qbil ma' l-istruzzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti.

3. Li l-flieles ġew imfaqqsa nhar ..... (dati).

4. Li l-flieles kienu ġew imlaqqma bl-użu ta' vaċċini approvati uffiċjalment, kontra: .....
.....

(4) Isem u pajjiż ta' oriġini.

(5) Numru (numri) ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment(i) ta' oriġini.

(6) Ħassar ir-referenza mhux meħtieġa.

III. **Informazzjoni addizzjonali dwar is-saħħa**

1. Ii, fil-każ li kunsinna tkun destinata lejn Stat Membru jew reġjun li minnu jkun ġie stabbilit l-istatus bi qbil ma' l-Artikolu 12, 2 ta' Direttiva 90/539/KEE, il-flieles ta' ġurnata ġejjin minn ([7]):

   (a) bajd tat-tfaqqis li joriġinaw minn qatgħat li:
   (i) ma humiex imlaqqmin kontra l-marda Newcastle ([6]),
   (ii) huma mlaqqmin kontra din il-marda bl-użu ta' vaċċin inattivat ([6]),
   (iii) huma mlaqqmin kontra din il-marda bl-użu ta' vaċċin ħaj l-aktar tard 60 ġurnata qabel id-data li fiha jkun ġie miġbur il-bajd ([6]);

   (b) mafqas li fih, prattiċi ta' ħidma jiżguraw li bajd bħal dan jiġi inkubat f'ħinijiet u postijiet kompletament separati minn bajd li ma jissodisfax il-ħtiġiet f'(a);

2. Ii wara ħtiġiet supplimentari imposti mill-Istat Membru ta' destinazzjoni skond l-Artikoli 13 u/jew 14 tad-Direttiva 90/539/KEE jiġu sodisfatti: .....

   .....

3. Ii, jekk l-Istat Membru ta' destinazzjoni jkun jew il-Finlandja jew l-Isvezja, il-flieles ta' ġurnata jkunu ġew ittestjati b'riżultati negattivi skond ir-regoli preskritti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/160/KE ([8]);

IV. **Informazzjoni supplimentari dwar is-saħħa** ([9])

Ii, għalkemm l-użu ta' vaċċini kontra l-marda Newcastle li ma jissodisfawx il-ħtiġiet speċifiċi ta' l-Anness B, 2 ta' Deċiżjoni 93/342/KEE, ma huwiex projbit f' ..... ([4]), it-tajr ta' tkabbir minn fejn ikunu ġejjin il-flieles ta' ġurnata:

(a) ma kienx ġie mlaqqam għal mill-inqas 12-il xahar b'vaċċinazzjonijiet bħal dawn; u

(b) kien joriġina minn qatgħa li għaddiet mhux qabel 14-il ġurnata qabel il-kunsinna fuq il-bażi ta' teħid ta' kampjuni bl-għażla każwali ta' *swabs* kloakali ta' mill-inqas 60 għasfur ta' kull qatgħa konċernata, test ta' iżolament ta' virus għall-marda Newcastle, imwettaq f'laboratorju uffiċjali, li fih ma jkun jinstab l-ebda paramyxovirus relatat mal-għasafar b'Indiċi Patoġenetiku Intraċerebrali (I.P.I.C.) ta' aktar minn 0,4; u

(ċ) ma kienx f'kuntatt matul is-60 ġurnata ta' qabel il-kunsinna ma' tajr li ma jissodisfax il-garanziji msemmija taħt (a) u (b) rispettivament, u

(d) kien iżolat taħt sorveljanza uffiċjali fis-sehem ta' oriġini matul il-perjodu ta' 14-il ġurnata msemmi f'(b),

u l-bajd ta' tfaqqis minn liema jkunu faqqsu ma kienux f'kuntatt fil-mafqas jew matul it-trasport ma' bajd jew tajr li ma jissodisfawx il-garanziji msemmija fuq.

V. **Informazzjoni dwar it-trasport**

1. Ii għall-ewwel darba l-bajd ta' tfaqqis jinġarr f'kaxxi li jintremew wara l-użu:

   (a) Ii jkun fihom biss bajd tat-tfaqqis ta' l-istess speċi, kategorija, u tip, li jkun ġej mill-istess stabbiliment;

   (b) Ii juru l-indikazzjonijiet segwenti:
   — l-isem u l-pajjiż tal-kunsinna,
   — l-ispeċi ta' tajr konċernat,
   — in-numru ta' bajd,
   — il-kategorija u tip ta' produzzjoni li għalihom ikunu maħsuba,
   — l-isem u l-indirizz u n-numru ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment ta' oriġini,
   — ,
   — l-Istat Membru ta' destinazzjoni;

   (ċ) Ii jkunu magħluqin bi qbil ma' l-istruzzjonijiet ta' l-awtorita kompetenti b'tali mod li tkun evitata kwalunkwe possibbilità ta' sostituzzjoni tal-kontenut.

2. Ii r-reċipjenti u vetturi li fihom il-kaxxi msemmija f'1 kienu ġew imnaddfa u diżinfettati qabel it-tagħbija bi qbil ma' l-istruzzjonijiet ta' l-awtoritajiet kompetenti.

17. Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal ħamest ijiem.

Magħmul fi ..... nhar .....

Siġill ([10])

.....
(firma tal-veterinarju uffiċjali) ([10])

.....
(isem b'ittri kapitali, kwalifiki u titolu)

([7]) Meta l-kunsinna ma tkunx destinata għal Stati Membri bħal dawn jew reġjuni (fil-preżent id-Danimarka, l-Irlanda, il-Finlandja, l-Isvizzera u, għar-Renju Unit, l-Irlanda ta' Fuq), il-garanziji mogħtija taħt il-punt III.1, għandhom jiġu mħassra.

([8]) Ħassar jekk mhux applikabbli.

([9]) Din il-garanzija għandha tingħata biss għal tajr li joriġina minn pajjiżi jew partijiet minnhom fejn jgħoddu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4 (4) ta' Deċiżjoni 93/342/KEE. Għal tajr li joriġina minn pajjiżi oħra, dan il-kapitolu għandu jiġi mħassar.

([10]) Timbru u firma b'kulur differenti ghal dak ta' l-istampar.

MUDELL D

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TA' BHEJJEM

għal tajr tal-qatla u tajr sabiex jgħammar mill-ġdid il-provvisti ta' tajr, minbarra għasafar li ma jtirux maħsuba sabiex jiġu kkunsinnati lill-Komunità Ewropea

1. Fornitur (isem u indirizz sħiħ):	2. **ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA** Nru ORIĠINALI
	3.1 Pajjiż ta' oriġini: 3.2 Reġjun ta' oriġini ([1]):
4. Destinatarju (isem u indirizz sħiħ):	5. AWTORITÀ KOMPETENTI: 5.1. Ministeru: 5.2. Servizz:
7. Post tat-tagħbija:	6. AWTORITÀ KOMPETENTI (LIVELL LOKALI):
8. Mezz ta' trasport ([2]):	10. Indirizz ta' l-ażjenda ta' oriġini:
9.1. Stat Membru ta' destinazzjoni: 9.2. Destinazzjoni finali: (isem u indirizz sħiħ)	
12. Speċi ta' tajr:	15. Kwantità: (f'numri u figuri) 15.1. Numru ta' għasafar: 15.2. Numru ta' kaxxi:
13. Kategorija: Tajr tal-qatla/tajr sabiex jgħammar mill-ġdid il-provvisti ta' tajr ([3]):	
14. Dettalji ta' identifikazzjoni tal-kunsinna: (li jinkludu kwalunkwe numru tas-siġill)	
Noti: (a) Għandu jiġi pprovdut ċertifikat separat għal kull kunsinna fl-istess kategorija (tajr tal-qatla/tajr sabiex jgħammar mill-ġdid il-provvisti ta' tajr) ttrasportati fl-istess vagun tal-ferrovija, trakk, ajruplan jew bastiment u kkunsinnat lejn l-istess destinazzjoni.	(b) L-oriġinal taċ-ċertifikat għandu jakkompanja l-kunsinna sakemm din tasal fil-post ta' spezzjoni tal-fruntiera. (ċ) Għandu jiġi mimli fil-ġurnata tat-tagħbija u l-limiti ta' żmien kollha li hemm referenza għalihom jirreferu għal dik id-data.

([1]) Li għandha tiġi mimlija biss jekk l-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lejn il-Komunità tkun limitata għal ċertu reġjuni tal-pajjiż terz konċernat.

([2]) Uri l-mezz ta' trasport u marki ta' reġistrazzjoni jew isem irreġistrat, skond kif ikun adattat.

([3]) Ħassar ir-referenzi mhux meħtieġa.

16. Jiena, l-veterinarju ufficjali sottoskritt, b'dan il-mezz niccertifika li, bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' Direttiva 90/539/KEE:

I. **Oriġini tat-tajr**

Li t-tajr baqa' fit-territorju ta' ..... ([4]), fir-reġjun ta' ..... ([1]) għal mill-inqas tlett xhur jew minn meta faqqas jekk ikun iżgħar minn tlett xhur. Jekk importat fil-pajjiż ta' origini gie mportat bi qbil mal-kondizzjonijiet veterinarji li huma għallinqas stretti daqs il-ħtiġiet relevanti tad-Direttiva 90/539/KEE, li tinkludi kwalunkwe Deċiżjonijiet sussidjarji.

II. **Informazzjoni dwar is-saħħa**

1. li ..... ([4]), reġjun ..... ([1]) huwa ħieles mill-influwenza relatata mal-għasafar u mill-marda Newcastle kif definit fid-Deċiżjoni 93/342/KEE.

2. li t-tajr deskritt f'dan iċ-ċertifikat jissodisfa l-ħtiġiet li ġejjin:

(a) ġie eżaminat f'din il-ġurnata u ma wera l-ebda sinjal kliniku jew suspett ta' mard;

(b) inżamm minn meta faqqas jew għal aktar minn 30 ġurnata fl-ażjenda (ażjendi) ta' oriġini:

(i) li ma huwiex (ma humiex) soġġett (soġġetti) għal kwalunkwe restrizzjoni ta' saħħa tal-bhejjem,

(ii) li madwaru, ġewwa raġġ ta' 25 km, ma kien hemm l-ebda każ ta' influwenza relatata mal-għasafar jew tal-marda Newcastle għal mill-inqas 30 ġurnata;

(ċ) li matul il-perjodu msemmi f'(b) ma kellu l-ebda kuntatt ma' tajr li ma jissodisfax il-kondizzjonijiet preskritti f'dan iċ- ċertifikat jew ma' għasafar selvaġġi;

(d) joriġinaw mill-qatgħa

(i) li ġiet eżaminata din il-ġurnata u ma turi l-ebda sinjali kliniċi jew suspett ta' mard,

(ii) — li ma kienx ġie mlaqqam kontra l-marda Newcastle ([5])
— li kien ġie mlaqqam kontra l-marda Newcastle, bl-użu ta' ([5]): .....
(isem, tip - ħajja jew inattivata - ta' u NDV *strain* użata f'vaċċinazzjoni(jiet)),
fl-età ta' ..... ġimgħat ([6]),

(iii) li ġie mlaqqam, bl-użu ta' vaċċinazzjonijiet approvati uffiċjalment ([6]).

Fl-età ta'	Kontra

III. **Informazzjoni addizzjonali dwar is-saħħa**

1. Li, fil-każ li l-kunsinna tkun destinata għal Stat Membru jew reġjun li minnu l-istatus ikun ġie stabbilit bi qbil ma' Artikolu 12, 2 ta' Direttiva 90/539/KEE it-tajr ġie minn qatgħat li ([7]):

(a) ma kienux ġew vaċċinati kontra l-marda Newcastle u għaddew minn, matul l-14-il ġurnata ta' qabel il-kunsinna, eżami seroloġiku fuq il-preżenza ta' antikorpi tal-marda Newcastle b'riżultat negattiv ([5]),

(b) kienu ġew imlaqqma kontra din il-marda, iżda mhux b'vaċċin ħaj matul it-30 ġurnata ta' qabel il-kunsinna u għaddew, matul l-14-il ġurnata ta' qabel il-kunsinna u fuq il-bażi ta' teħid ta' kampjun bl-għażla każwali ta' swabs kloakali ta' mill-inqas 60 għasfur, test ta' iżolament ta' virus għall-marda Newcastle b'riżultat negattiv ([5]).

([4]) Isem u pajjiż ta' oriġini.

([5]) Ħassar ir-referenza mhux meħtieġa.

([6]) Li għandu jiġi mimli biss għal tajr sabiex jgħammar mill-ġdid provvisti ta' tajr.

([7]) Meta l-kunsinna ma tkunx destinata għal Stati Membri bħal dawn jew reġjuni (fil-preżent id-Danimarka, l-Irlanda, il-Finlandja, l-Isvizzera u, għar-Renju Unit, l-Irlanda ta' Fuq), il-garanziji mogħtija taħt il-punt III.1, għandhom jiġu mħassra.

2. Li ħtiġiet supplimentari segwenti, imposti mill-Istat Membru ta' destinazzjoni skond l-Artikoli 13 u/jew 14 ta' Direttiva 90/539/KEE jiġu sodisfatti: .....
.....

3. Li, jekk l-Istat Membru ta' destinazzjoni jkun jew il-Finlandja jew l-Isvezja, it-tajr tal-qatla ([8]):
   — jew kienu soġġetti għal test mikrobijoloġiku permezz ta' teħid ta' kampjuni fl-istabbiliment ta' oriġini b'riżultati negattivi skond ir-regoli preskritti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/410/KE ([5]),
   — jew joriġinaw minnażjenda soġġetta għal programm rikonoxxut mill-Kummissjoni Ewropea bħala ekwivalenti għall-programm nazzjonali tal-Finlandja jew l-Isvezja, skond kif ikun adattat ([5]).

IV. **Informazzjoni supplimentari dwar is-saħħa** ([9])

Li, għalkemm l-użu ta' vaċċini kontra l-marda Newcastle li ma jissodisfawx il-ħtiġiet speċifiċi ta' l-Anness B, 2 tad-Deċiżjoni 93/342/KEE, ma huwiex projbit f ..... ([4]) it-tajr:

(a) ma kienx ġie mlaqqam għal mill-inqas 12-il xahar b'vaċċini bħal dawn; u

(b) joriġina minn qatgħa li għaddiet mhux qabel 14-il ġurnata qabel il-kunsinna fuq il-bażi ta' teħid ta' kampjuni bl-għażla każwali ta' swabs kloakali ta' mill-inqas 60 għasfur ta' kull qatgħa konċernata, test ta' iżolament ta' virus għall-marda Newcastle, imwettaq f'laboratorju uffiċjali, li fih ma jkun jinstab l-ebda paramyxovirus relatat ma' l-għasafar b'Indiċi Patoġenetiku Intraċerebrali (I.P.I.C.) ta' aktar minn 0,4, u

(ċ) ma kienx f'kuntatt matul is-60 ġurnata ta' qabel il-kunsinna ma' tajr li ma jissodisfax il-garanziji msemmija taħt (a) u (b) rispettivament, u

(d) kien iżolat taħt sorveljanza uffiċjali fis-sehem ta' oriġini matul il-perjodu ta' 14-il ġurnata msemmi f'(b).

V. **Informazzjoni dwar it-trasport**

Li t-tajr jinġarr fi krejts jew gaġeġ:

(a) li fihom biss tajr ta' l-istess speċi, kategorija, tip, li jkun ġej mill-istess stabbiliment;

(b) li jkunu magħluqin bi qbil ma' l-istruzzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti b'tali mod li tkun evitata kwalunkwe possibilità ta' sostituzzjoni tal-kontenut;

(ċ) li jkunu mfassla, kif ukoll il-veikoli li fihom jiġu ttrasportati, sabiex:

(i) ma jħallux it-telf ta' eskreta u jnaqqsu kemm jista' jkun it-telf ta' rix matul it-trasport;

(ii) jippermettu spezzjoni viżiva tat-tajr;

(iii) jippermettu li jsir tindif u diżinfettar;

(d) li kienu ġew, kif ukoll il-veikoli li fihom jiġu ttrasportati, imnaddfa u diżinfettati qabel it-tagħbija bi qbil ma' l-istruzzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti.

17. Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal ħamest ijiem.

Magħmul fi ..... nhar .....

.....
(firma tal-veterinarju uffiċjali) ([10])

Siġill ([10])

.....
(név nyomtatott betűvel, szakképzettség és beosztás)

([8]) Ħassar jekk mhux applikabbli.
([9]) Din il-garanzija għandha tingħata biss għal tajr li joriġina minn pajjiżi jew partijiet minnhom fejn jgħoddu id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 4 (4) ta' Deċiżjoni 93/342/KEE. Għal tajr li joriġina minn pajjiżi oħra, dan il-kapitolu għandu jiġi mħassar.
([10]) Timbru u firma b'kulur differenti għal dak ta' l-istampar.

L-ANNESS II

Protokoll għall-istandardazzjoni ta' materjali u proċeduri għal testijiet veterinarji f'rabta ma' l-importazzjoni ta' tajr u ta' bajd tat-tfaqqis minn pajjiżi terzi

1. **Il-marda** *Newcastle*

Il-metodi ta' teħid ta' kampjuni u ta' ttestjar għandhom jikkonformaw mal-metodi deskritti fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/340/KEE dwar l-ittestjar tat-tjur għall-marda *Newcastle* qabel ma jiġu mressqa, fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 12 tad-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE.

2. **Salmonella pullorum**

— Il-metodi ta' teħid ta' kampjuni għandhom jikkonformaw mal-metodi deskritti fl-Anness II, il-Kapitolu III tad-Direttiva 90/539/KEE.

— Il-metodi ta' ttestjar għandhom jikkonformaw mal-metodi deskritti fil-Manwal ta' l-Istandards għal testijiet dijanjostiċi u vaċċini, editjat minn OIE f'Pariġi (B67).

3. **Salmonella gallinarum**

— Il-metodi ta' teħid ta' kampjuni għandhom jikkonformaw mal-metodi deskritti fl-Anness II, il-Kapitolu III tad-Direttiva 90/539/KEE.

— Il-metodi ta' ttestjar għandhom jikkonformaw mal-metodi deskritti fil-Manwal ta' l-Istandards għal testijiet dijanjostiċi u vaċċini, editjat minn OIE f'Pariġi (B62).

4. **Salmonella arizonae**

Eżami seroloġiku: għandu jittieħed kampjun ta' 60 għasfur malli jbidu. L-ittestjar għandu jsir f'konformità mal-metodi deskritti fil-Manwal ta' l-Istandards għal testijiet dijanjostiċi u vaċċini, editjat minn OIE f'Pariġi (B31, B47).

5. **Mycoplasma gallisepticum**

— Il-metodi ta' teħid ta' kampjuni għandhom jikkonformaw mal-metodi deskritti fl-Anness II, il-Kapitolu III tad-Direttiva 90/539/KEE.

— Il-metodi ta' ttestjar għandhom jikkonformaw mal-metodi deskritti fil-Manwal ta' l-Istandards għal testijiet dijanjostiċi u vaċċini, editat minn OIE f'Pariġi (B65).

6. **Mycoplasma meleagridis**

Il-metodi ta' teħid ta' kampjuni għandhom jikkonformaw mal-metodi deskritti fl-Anness II, il-Kapitolu III tad-Direttiva 90/539/KEE.